# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI PRELIMINARI NRU 1436

Kaz 1792/FM

Fil-kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Farrugia

u

Polidano Brothers Limited

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta

Data: 15 ta' Ottubru 2003

**Chairman: is-sur Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-kaz gie prezentat fir-Registru tal-Qrati Superjuri fis-6 ta' Awwissu 2003 mill-Avukat Angelo Farrugia f'isem l-Appellant Anthony Farrugia kontra s-socjeta` Polidano Brothers Limited fejn allega li waqt li l-klijent tieghu gie licenzjat mill-impieg minn mas-socjeta` msemmija fl-1 ta' April 2003 kien biss fit-28 ta' Mejju 2003 li sar jaf definittivament li kien gie licenzjat u dan ghal raguni allegatament illegali. Ghall-Kumpanija Appellata dehret l-Avukatessa Joanne Vella Cuschieri. Inzammu zewg seduti. Il-Kumpanija Appellata eccepiet li r-rikors tal-Appellant ma kienx ipprezentat fil-perijodu ta' dekadenza kif stipulat fil-ligi u ghalhekk kien iddekada.

A tenur tal-Artikolu 78(1) tal-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 irid jinghad li l-kaz ma setax jibda jinstema' qabel it-3 ta' Settembru 2003.

## 2. Fatti tal-Kaz

L-Appellant jghid illi huwa kien ilu jahdem mal-Kumpanija Appellata minn Settembru tas-sena 2000 bhala *Project Manager* dejjem ta xoghol tajjeb, qatt ma kien hemm ilmenti dwar l-operat tieghu u fil-fatt qatt ma gew moghtija lilu twissijiet la bil-fomm u lanqas bil-miktub. Ghalhekk kien inhasad u staghageb meta fl-1 ta' April 2003 gie infurmat mill-*Human Resources Manager* illi l-impieg tieghu kien gie terminat. Il-Kumpanijja Appellata min-naha l-ohra allegat li l-Appellant kien abbuza mill-kariga li kellu b'detriment ghall-interessi tal-Principal tieghu. Huwa naqas li jaghti spjegazzjoni xierqa ghan-nuqqas tal-flus li irrizultaw

minn sit maghruf bhala "Stownes" fejn hu kien l-unika persuna li kellha access ghal dan il-post. Inoltre huwa abbuza mill-kontroll li kellu tal-post "Stownes". Finalment l-Appellant allegatament kien agixxa f'diversi okkazjonijiet b'mod abbusiv u llegali.

Minghajr pregudizzju ghal dan kollu l-Kumpanija Appellata eccepiet li r-rikors tal-Appellant kien gie prezentat fis-6 ta' Awissu 2003 li huwa wara li ddekada l-perijodu ta' erba' xhur li matulhom jista jsir rikors biex tkeccija allegatament ingusta tingieb quddiem it-Tribunal Industrijali.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Qabel ma jittratta l-merti tal-kaz it-Tribunal ried jezamina jekk l-kaz gie prezentat fiz-zmien stipulat mill-ligi. L-Artikolu 75(3) tal-Ligi dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali Kap 452 jghid car u tond illi kull talba dwar allegat licenzjament mill-impieg ghandha tigi prezentata "**mhux iktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat**". Dan il-perijodu huwa wiehed perentorju u ghaldaqstant ma huwiex prorogabbli. Fil-fatt dan ma giex innegat mill-ebda wahda mill-partijiet. Il-kwistjoni kollha hija dwar id-data effettiva tal-licenzjament.

L-Appellant gie mghajjat fl-ufficcju tal-Kumpanija Appellata mis-sur Charlo` Farrugia, *Human Resources Manager* fl-ewwel ta' April 2003 u gie sommarjament licenzjat fuq ordni taDirettur, s-Sur Charles Polidano. Huwa xhed illi din kienet l-ahhar gurnata li fiha kien dahal ghax-xoghol. Izda l-formula li ghandha tintbaghat lill-ETC marret hafna wara u fil-fatt qabel it-28 ta' Mejju 2003 l-Appellant ighid li ma kienx jaf fic-cert li huwa formalment kien gie licenzjat.

It-Tribunal ried jaccerta ruhu mill-data effettiva tal-licenzjament ghaliex huwa car mid-dicitura tal-istess Artikolu 75(3) li l-perijodu ta' erba' xhur jiskatta propju minn dik id-data. Dan il-punt gie trattat estensivament minn Tribunali fl-Ingilterra fejn fil-ligi taghhom ghandhom ukoll perijodu ta' dekadenza simili ghall-dak tal-ligi taghna, ghad li fil-kaz taghhom huwa iqsar, fil fatt huwa ta' tliet xhur. Gurisprudenza kostanti turi li d-data effettiva ta' licenzjament f'kazi ta tkeccija sommarja hija propju dik ta' meta l-impjegat ikun tkecca. Fil-kaz Robert Cort & Son Ltd vs Charman l-Employment Appeals Tribunal jghid inter alia "*the termination of the contract of employment 'takes effect' at the date of dismissal, since on that date the employee's rights under the contract are transformed from the right to be employed into a right to damages*" Imbaghad fl-istess decizjoni jikkwota mid-decizjoni f'kaz iehor, Dedman vs British Building and Engineering Appliances Ltd, dak li baqa' maghruf bhala id-"Dedman rule". Infatti l-Employment Appeals Tribunal ikompli jaghid illi "*The Dedman rule fixed the effective date of termination at what most employees would understand to be the date of termination i.e. the date on which he ceases to attend his place of employment.*"

L-Appellant bena' l-kaz tieghu fuq il-fatt li l-ETC kienet ghadha ma rcevitx il-formula mill-Kumpanija Appellata qabel it-28 ta' Mejju 2003 u allura l-perijodu ta' erba' xhur kellu jiskatta propju minn dak il-jum u konsegwentement meta pprezenta l-kaz fis-6 ta' Awissu 2003 kien ghadu fil-perijodu ta' dekadenza. Fil-verita irid jinghad illi ma' tul il-kaz kollu, ibda mir-rikors ipprezentat fis-6 ta' Awissu 2003 u tkompli fid-dikjarazzjoni bil-miktub tal-Appellant stess, imsahha ukoll bix-xhieda tieghu guramentata li d-data tal-1 ta' April kienet id-data ta' licenzjament tieghu. Minn dik id-data 'l hawn ma hadem qatt iktar ma' Polidano

Brothers Ltd, ma thallasx u fil-fatt jidher li hu stess jaqbel li l-1 ta' April 2003 kienet id-data effettiva tal-licenzjament tieghu.

Kieku t-Tribunal kellu ghal grazzja tal-argument jaccetta t-tezi tal-Appellant li dan kien konvint biss mill-licenzjament tieghu fit-28 ta' Mejju 2003 meta fl-istess formula kien hemm imnizzel li kien licenzjat fil-31 ta' Marzu x'zamm lill-Appellant li jipprezenta r-rikors tieghu qabel meta kellu mill-inqas xahrejn zmien qabel jiddekadi l-perijodu stipulat fil-ligi u ipprezenta r-rikors propju ftit granet wara li ddekada z-zmien!

Irid jinghad ukoll illi l-kuntratt tax-xoghol kien efftettivament bejn l-Appellant u l-Kumpanija Appellata. L-ETC ma kienitx parti minnu. L-ETC huwa korp regolatorju u mhux formanti parti mill-kuntratt tax-xoghol bejn iz-zewg partijiet. Huwa veru li l-ligi titlob li l-Principal ghandu l-obbligu li jimla certi formuli u jibghathom lill-ETC u r-raguni li semma Charlo' Farrugia ghaliex ma kienx baghat tempestivament il-formula xejn ma jikkonvincu lit-Tribunal. Izda dan in-nuqqas ma jaqax taht il-kompetenza tat-Tribunal u certament ma jimpingix fuq il-fatt li l-licenzjament tal-Appellant kien sar definittivament fl-1 ta' April 2003.

## 4. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali jiddecidi li dan l-kaz ta' licenzjament allegatament illegali gie prezentat meta ghadda z-zmien preskritt mill-ligi u ghaldaqstant l-istess Tribunal mhux kompetenti li jkompli jisimghu. Ma hemmx ghaldaqstant lok ghal proceduri ulterjuri.

B'hekk jintemm dan il-kaz.

Franco Masini
Chairman

Mary Rose Galea
A/Segretarja